MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 1009/2011

**Norman Zammit u Philip Zammit**

**vs**

**Joseph Vella u**

**b'digriet tad-9 ta' Frar 2012**

**giet kjamata fil-kawza s-socjeta Fortudol Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tal-14 ta' Ottubru 2011 li jghid hekk:

Illi fid-29 ta' Jannar 2011 l-atturi iffirmaw mal-konvenut l-iskrittura hawn annessa bhala dok. A.

Illi il-kunsens moghti mill-atturi meta iffirmaw din l-iskrittura kien ivvizzjat, kif ser jigi ippruvat fil-kors tal-kawza.

Illi l-atturi, sabiex iffirmaw din l-iskrittura tpoggew taht pressjoni mill-konvenut Joseph Vella u iffirmaw l-istess skrittura peress li l-kunsens taghhom gie karpit bi vjolenza b'theddid ta' vjolenza u gew imbezza mill-istess konvenut.

Illi ghalhekk l-obligazzjoni assunta mill-atturi fl-istess skrittura hi nulla ai termini tal-artikolu 974 tal-Kap. 16.

Ghaldaqstant ighid il-konvenut ghaliex din il-Qorti m' ghandhiex:

1. Tiddikkjara illi l-kunsens tal-atturi fuq l-iskrittura tad-29 ta' Jannar 2011 kien vizzjat minhabba r-ragunijiet suesposti;

2. Tiddikkjara nulla u bla effett l-iskrittura datata 29 ta' Jannar 2011.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Joseph Vella li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament m'hemmx integrita ta' gudizzju ghaliex fuq l-iskrittura imsemmija l-konvenut iffirma kemm f'ismu personali u kif ukoll f'isem is-socjeta Fortudol Limited.

2. Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu l-iskrittura imsemmija hija valida ghaliex m'huwiex minnu illi l-kunsens tal-atturi fuq l-iskrittura in kwistjoni giet ottjenuta bi vjolenza, theddid ta' vjolenza jew biza kif allegat, u dan kif ser jigi ppruvat waqt is-smigh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat li l-kjamata in causa Fortudol Limited baqghet kontumaci;

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza b'parametri cara. L-atturi Norman Zammit u ibnu Philip qed jikkontendu li l-iskrittura privata iffirmata minnhom fid-29 ta' Jannar 2011 giet karpita minghandhom bi vjolenza jew theddid ta' vjolenza u biza perpetrat fil-konfront taghhom min Joseph Vella.

Il-principji legali li jsostnu tali azzjoni gew enkapsulati fis-sentenza in Prim Istanza fl-ismijiet **Peter Cassar Torreggiani et vs Onor. Dominic Mintoff noe et** konfermata fl-appell fl-14 ta' Ottubru 2014. Jinghad hekk:

> "Illi l-vjolenza bil-mezz ta' tehdid hija waħda miċ-ċirkostanzi magħrufa mil-liġi li taqa' fil-kategorija ta' vizzju tal-kunsens. Minn kliem il-liġi, il-vjolenza, bħalma hija t-tehdid, hija motiv ta' nullita' tal-kuntratt minħabba vizzju tal-kunsens[1]. Iżda huwa maqbul li dak in-nuqqas ma jġibx nullita' assoluta tar-rabta kuntrattwali, iżda annullabilita' tal-istess: jidher li huwa minħabba f'hekk li l-liġi tuża l-kelma "motiv ta' nullita'". Hija regola li l-Qrati tagħna ilhom snin jimxu magħha li, fejn iqum element ta' annullabilita' ta' kuntratt, it-tħassir ta' dak il-kuntratt irid isir b'azzjoni appożita u mhux permezz ta' eċċezzjoni[2]. Hekk sar fil-każ tal-lum. Minbarra dan, il-kwestjoni tal-eżistenza u tal-effikaċja tal-vjolenza allegata mill-parti li trid twaqqa' l-kuntratt huwa eżerċizzju mħolli fl-apprezzament tal-Qorti[3];
>
> "Illi, bil-liġi[4], l-kunsens jitqies li jkun meħud taħt vjolenza jekk din taħkem fuq persuna raġonevoli b'mod li ġġegħilha tibża' li hija nnifisha jew ħwejjiġha jistgħu

[1] Art. 977(1) tal-Kap. 16

[2] Ara, b'eżempju, App. Ċiv. 16.2.2004 fil-kawża fl-ismijiet **Ian Busuttil et vs Carmen Taliana** u App. Inf. 10.1.2007 fil-kawża fl-ismijiet **J & E Griscti Ltd vs Jesmond Sant et**

[3] P.A. 14.11.1935 fil-kawża fl-ismijiet **Bartolo vs Bartolo** (Kollez. Vol: XXIX.ii.749) li ġġib tifsira studjata ta' x'għamla ta' vjolenza hi meħtieġa biex tikkostitwixxi vjolenza morali; ara wkoll App. Ċiv. 16.6.1995 fil-kawża fl-ismijiet **Aquilina vs Leone Ganado et** (Kollez. Vol: LXXIX.ii.561)

[4] Art. 978(1) tal-Kap. 16

jitqegħdu għal xejn b'xejn f'periklu ta' ħsara kbira[5]. Vjolenza bħal din twassal biex iġġib ma jiswiex kuntratt ukoll jekk id-deni mhedded ikun maħsub li jolqot il-persuna jew il-ħwejjeġ tal-mara jew ta' żewġ il-persuna mhedda jew ta' dixxendent jew axxendent tagħha[6];

"Illi biex il-vjolenza tħassar il-kunsens, irid jintwera li kienet (a) il-kawża determinanti li tkun ġiegħlet lill-parti li tidher għall-kuntratt, (b) il-frott tal-ħidma tal-persuna li eżerċitatha biex jinkiseb dak il-kunsens u (ċ) li l-kunsens hekk meħud ikun ir-riżultat tal-vjolenza hekk eżerċitata u mhux ir-riżultat aċċidentali ta' għamil maħsub biex jinkiseb riżultat ieħor[7]. Għalhekk, biex il-vjolenza tkun biżżejjed biex ixxejjen il-kunsens, trid tkun determinanti, gravi u, fuq kollox, inġusta b'mod li tqanqal f'persuna raġonevoli biżgħa li tesponiha jew lil qarib tagħha għal ħsara fil-ġid jew fil-persuna tagħha[8]. Huwa miżmum ukoll li biex it-theddida tkun gravi u determinanti jrid jintwera (minn min jallega l-vjolenza) li l-parti ma kellhiex mod kif teħles mill-vjolenza eżerċitata fuqha jekk mhux billi tiffirma l-obbligazzjoni li tkun tressqet quddiemha[9]. Madankollu, mhux kull stat ta' ansjeta' jwassal biex kunsens mogħti fuq kuntratt ikun wieħed bla siwi, jekk kemm-il darba jintwera li l-parti kontraenti kienet taf x'inhi tagħmel[10];

Il-Qorti tal-Appell ziedet kif gej:

Fil-principju, kif osservat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Busuttil noe v. Zahra** deciza fil-25 ta' Marzu, 2004.

"Skond il-gurisprudenza lokali, "biex il-vjolenza morali tammonta ghall-vizzju tal-kunsens hemm bzonn li tkun determinanti, ingusta u gravi u tali li taghmel impressjoni fuq persuna ragonevoli u li tiggenera l-biza' li tesponi ngustament lill-persuna taghha jew il-gid taghha ghal danni gravi. Il-kwistjoni jekk hemmx vjolenza hija ndagini li hija mhollija nterament fil-prudenza tal-Qorti" – "Aquilina vs Ganado", deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Gunju, 1995. Din il-Qorti fil-kawza "Grech vs Farrugia", deciza fit-3 ta' Mejju, 1993, osservat li l-vjolenza bhala vizzju tal-kunsens irid ikun determinanti u jimmanifesta minacci veri u serji lill-persuna tal-komparenti jew tal-familja tieghu, u qatt ma giet estiza b'mod li tnehhi l-bargaining power li jista' jkollu kontraent fuq iehor."

Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Camilleri v. Vella**, deciza fid-9 ta' Gunju, 2003, l-istat ta' anzjeta` u turbulenza tal-persuna ma jfissirx li l-kunsens ikun vizjat, ghax fin-

---

[5] App. Inf. (Għ) PS 12.12.2002 fil-kawża fl-ismijiet **Saviour Calleja vs Margaret Buttiġieġ**
[6] Art. 979(2) tal-Kap. 16
[7] P.A. 29.10.1949 fil-kawża fl-ismijiet **Soler noe vs Campbell noe** (Kollez. Vol: XXXIII.ii.431)
[8] P.A. GV 30.6.2000 fil-kawża **Francis Scicluna vs Dominic Cutajar** (konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-16.4.2004)
[9] P.A. TM 25.3.2004 fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Busuttil noe vs Anthony Żahra et** (mhix appellata)
[10] App. Ċiv. 9.6.2003 fil-kawża fl-ismijiet **Evan T. Camilleri et vs Michelina Vella**

nuqqas ta’ prova ta’ theddida ta’ vjolenza fizika impellenti, darba li jirrizulta li l-kontraent kien jaf x’inhu jaghmel, il-kuntratt m’ghandux jithassar.

Inkwadrati dawn il-principji legali relatati mal-kaz, irid issa jigu kunsidrati l-fatti u jekk dawn il-fatti jwasslux lil Qorti ghal konvinzjoni morali illi l-kunsens tal-atturi kien ivvizjat bi vjolenza jew biza naxxenti mill-vjolenza jew theddid taghha.

Jidher illi l-attur Norman Zammit u l-konvenut Joseph Vella kienu hbieb. F’certu zmien il-partijiet waslu fi ftehim dwar in-negozju ta’ hwejjeg ta’ ditta rinomata illi l-konvenut kellu gestit minn fond f’Portomaso. Jidher ukoll illi Norman Zammit ried jakkwista dan in-negozju ghal ibnu Philip. Fil-15 ta’ Settembru 2010 gew iffirmati zewg ftehim liema ftehim jinsabu esebit fil-kawza 150/2011 fl-ismijiet inversi, konnessa ma’ din il-kawza. Dawk il-ftehim mhux mertu ta’ din il-kawza pero ghal finijiet ta’ kompletezza ta’ kronologija tal-fatti jidher li Philip Zammit kien ser jakkwista s-socjeta Fortudol Limited li taghha l-konvenut kien l-azzjonista maggoritarju bil-goodwill u stock bil prezz ta’ €1,500,000 bi hlasijiet rateali kif miftehma. Hu pacifiku illi konsegwenti ghal dan il-ftehim il-pussess tal-fond f’Portomaso ghadda f’idejn l-atturi u fil-fatt Philip Zammit beda jiggestixxi n-negozju. Jidher ukoll illi xi zmien wara l-kontendenti telghu l-Ingilterra mnejn il-konvenut kien jordna l-merkanzija minghand ditti rinomati biex l-atturi jaraw kif kienet tinxtara l-merkanzija u jiltaqghu ma’ nies li jissuplixxu x-xoghol. Sadattant pero Norman Zammit kien ghadda zewg cheques wiehed ta’ €100,000 u wiehed ta’ €50,000 lil Joseph Vella li pero ma issarfux. Dawn kienu datati 12 ta’ Ottubru 2010 u 30 ta’ Ottubru 2010 (fol. 89, 90 tal-process).

Hi l-fehma tal-Qorti li din kienet ir-raguni ghaliex ir-relazzjonijet bejn il-partijiet ma baqghux amikevoli bhal qabel. Hu ovvju illi l-konvenut kien qed jippretendi l-hlas skond il-ftehim ta’ Settembru 2010 pero ebda parti minn dan il-hlas qatt ma sar. Fl-4 ta’ Jannar 2011 hu pacifiku li l-ftehim ta’ Settembru rega’ gie imgedded ghalkemm ma hemmx dan il-ftehim fil-processi rilevanti pero hemm kitba li jindika d-data 4 ta’ Jannar 2011 fuq l-iskritturi tal-15 ta’ Settembru 2010. Dan it-tigdid ukoll mhux soggett ghal ebda kontestazzjoni. In fatti l-attur Norman Zammit jammetti li l-inkwiet beda fil-11 ta’ Jannar 2011. Il-ftehim raggunt fid-29 ta’ Jannar 2011, din id-darba maz-zewg atturi, pero regga’ lura l-pozizzjoni tal-partijiet ghal kif kienet qabel sar il-ftehim ta’ Settembru 2010 u fejn l-atturi iddikjaraw ruhhom debituri tal-konvenut fis-somma ta’ €150,000 b’dan li jekk sal-1 ta’ Frar 2011 tithallas is-somma ta’

€206,000, l-imsemmi ftehim jitqies qatt ma sar, ergo l-iskritturi ta’ Settembru 2010 jibqghu validi.

L-atturi jsostnu li l-konvenut sfurzahom jaslu ghal dan il-ftehim bi vjolenza jew theddid ta’ vjolenza u bezghu mill-konsegwenzi jekk ma jiffirmawx.

Din il-Qorti ma issibx li l-provi prodotti mill-atturi jwassluha ghal din il-konkluzzjoni.

Norman Zammit ighid li qabel l-iskrittura tad-29 ta’ Jannar 2011 il-konvenut kien iccempillu kuljum ghal hlas u anki kien imur wara biebu fil-ghodu kmieni jistennih johrog minn daru tant li Norman Zammit kien johrog minn gnien ta’ gar tieghu biex jevita lil konvenut u ma jaffrontahx. Il-Qorti ma tqis li tali agir wahdu wassal ghal vjolenza jew theddid. Ex admissis l-atturi Norman u Philip Zammit ighidu li Vella qatt ma refa’ jdejh fuqhom jew heddidhom b’xi arma. Norman Zammit ighid biss illi l-konvenut heddu li jisparalu u jimmankah. Pero ma hemm ebda prova li sar xi diskors simili jew anki jekk sar, tali diskors kienx tali li jnissel serjament biza impellenti ghal hajjet Norman Zammit. Wiehed jista’ jhedded bil-kelma pero meta tali theddida hi wahda vojta bla ebda konsistenza mehuda ma’ fatturi ohra li jirrendieha kredibblli u probabbli li issehh ma ghandhiex titqies bhala vjolenza ai termini tal-ligi, tali li jwassal ghal vizzju ta’ kunsens.

Norman Zammit ighid li l-konvenut urih toqba fis-saqaf tal-ufficcju li qallu kien tir ta’ pistola. Ma ittellghet ebda prova dwar dan. Lanqas meta kienu wahedhom qatt ma gie allegat xi vjolenza diretta fuq l-attur Norman Zammit jew familtu. Kull ma jasal biex ighid Norman Zammit hu l-konvenut kien ipoggi jdejh ma’ wiccu.

Ebda prova ta’ vjolenza jew theddid serju ma ngiebet mix-xiehda prodotti fosthom iben Norman Zammit stess cioe Philip, li ghalkemm jixhed li beza ghal inkolumita ta’ missieru, l-aktar li jghid dwar il-konvenut hu illi kien icempillu spiss biex isaqsih jekk missieru hux ser jasal biex ihallas kif miftiehem.

Jibqa bhala fatt illi meta giet redatta l-iskrittura tad-29 ta’ Jannar 2011 li hu l-mument rilevanti ghal finijet tat-talba attrici l-attur Norman Zammit mar minn rajh fl-ufficju ta’ Joseph Vella li kien f’supermarket gestit mill-istess Joseph Vella. Din il-kamra kienet wahda bl-hgieg mnejn impjegati tal-istess Joseph Vella setghu jaraw x’inhu ghaddej. Hu minnu illi mix-xiehda jirrizulta li l-konvenut cempillu x’aktarx bil-herra biex imur halli jirrangaw il-kwistjoni dwar in-negozju li kien sar f’Settembru 2010 u jista’ jkun li Norman Zammit kien ippreokkupat pero l-preokkupazzjoni tieghu kienet ghaliex il-ftehim ta’ Settembru ma kienx qed jigi attwat, ghalkemm hu jsostni illi l-konvenut ma ikkoperax biex jaghti l-informazzjoni necessarja dwar il-gestjoni tan-negozju lil bank li minghandu l-attur Zammit kien qed jipprova jottjeni self. Madankollu meta l-konvenut cempillu biex imur l-ufficju tieghu, Norman Zammit mar u mhux gie sfurzat jew mehud kontra r-rieda tieghu. L-attur Norman Zammit isostni li inzamm tlett sighat l-ufficju sakemm sar il-ftehim pero fl-ebda waqt ma gie imhedded b’xi forza u l-ufficju ma kienx imsakkar. Id-dewmien kien dovut ghax l-avukat tal-konvenut dam ma gie biex jirredigi l-ftehim. Dan l-avukat cioe Emanuel Bianco jsostni illi l-partijiet kienu gia ftehmu meta wasal u hu kiteb dak li ftehmu.

Il-Qorti ma teskludix illi Norman Zammit kien qed jigi ppressat jasal ghal xi ftehim mod jew iehor biex jigi iccarat x’kien ser jigri mill-ftehim ta’ Settembru 2010 essendo l-gestjoni kienet gia f’idejn ibnu Philip u sa Jannar ebda hlas ma kien sar. Jista’ jkun ukoll kif ighid Norman Zammit illi l-konvenut kellmu hazin u kien arroganti. Pero tali pressjoni wahedha ma tistax titqies bhala xi forma ta’ theddid jew vjolenza li geghlitu jiffirma l-iskrittura tad-29 ta’ Jannar 2011 minhabba biza impellenti ghal inkollumita tieghu jew familtu. Il-Qorti hi tal-fehma illi Norman Zammit seta’ ma marx l-ufficju, seta’ hareg meta ried u fil-prezenza tal-avukat ta’ Vella seta’ ressaq il-protesta tieghu dwar l-agir ta’ Vella. Pero Norman Zammit ghazel ma jaghmel xejn minn dan. Anzi, peress illi l-iskrittura kellha tigi iffirmata wkoll minn Philip Zammit li kien il-firmatarju fl-iskrittura ta’ Settembru 2010, il-partijiet ftehmu li jiehdu l-iskrittura Portomaso biex jiffirmaha Philip Zammit. Norman Zammit ma marx fil-vettura ta’ Joseph Vella izda mar bil-vettura tieghu ghax hekk ried u t-talba tieghu ma gietx opposta. Nonostante din l-allegazzjoni ta’ theddid ta’ vjolenza u l-biza li jghid li kellu mill-konvenut ma hasibx li jmur xi ghassa u jirraporta li kien gara. Dan seta’ ghamlu anki qabel din id-data liberament meta dehrilu li l-konvenut ma kienx qed ihallih kwiet billi jigi wara biebu jew meta allegatament heddu li jisparalu. Meta marru Protomaso x-xiehda turi illi Joseph Vella ma ippartecipax fid-diskors ma’ Philip Zammit izda baqa’ fil-karozza. Ghalkemm ghal ewwel Philip Zammit ma riedx jiffirma bla ma jiehu parir, jidher li wara ftit hin iffirma xorta. Ir-raguni li jaghti hi li inkwieta ghal missieru. Ebda theddid jew vjolenza ma gie perpetrat. Il-kliem generiku allegatament maghmul mill-avukat Bianco lil Philip Zammit li jekk ma jifirmax il-

konvenut kien ser jidhol jaghmel stragi ma hiex sorretta minn ebda fatt jew cirkostanza f'dak il-hin jew antecedenti li turi illi l-konvenut kien jasal li jaghmel hekk. In fatti ma ngiebet ebda prova li l-konvenut kien ta' natura vjolenti jew kriminali b'xi prova dwar il-passat tieghu.

Norman Zammit stess jammetti illi hu pprova jcempel lil avukat tieghu qabel ma saret il-firma u ma sabux. Din ix-xiehda ma taghtix indikazzjoni li l-kunsens ghal firma kien qed jigi vizzjat b'xi vjolenza jew biza ghal imkolumita ta' hajtu jew familtu.

Pero dak li jonqos l-aktar li jikkonvinci lil Qorti hi l-inerzja assoluta tal-atturi wara li giet iffirmata l-iskrittura tad-29 ta' Jannar 2011. Norman Zammit stess jammetti illi hu irnexxielu jkellem lil avukat tieghu ftit wara pero ma ghamlu xejn dwar dak li kien sehh. Ma sar ebda rapport lil pulizija dwar l-akkadut u ma ittiehdet ebda azzjoni mill-atturi ta' ebda tip anqas legali jew gudizjarja sakemm fil-fatt il-konvenut ressaq il-kawza ghal hlas tad-debitu skond l-iskrittura tad-29 ta' Jannar 2011 fejn allura giet prezentata l-kawza odjerna circa ghaxar xhur wara l-iskrittura ta' Jannar. Hu stramb illi f'dawn ix-xhur l-atturi jammettu li ma kien hemm ebda komunikazzjoni diretta mal-konvenut u ebda minacci jew vjolenza perpetrata nonostante li l-hlas dovut skond l-iskrittura ta' Jannar 2011 baqa' ma sarx. Anzi jirrizulta illi saret laqgha mal-avukat tal-partijiet qabel il-konvenut fetah il-kawza biex il-partijiet isibu soluzzjoni u fl-ebda hin ma jidher li tqajmet il-kwistjoni li l-iskrittura ta' Jannar 2011 giet karpita b'vizzju ta' kunsens.

Dawn il-fatti jwasslu lil Qorti tikkonkludi illi hadd mill-atturi ma fil-fatt sofra vjolenza jew theddid ta' vjolenza li bezzghet lil atturi b'tali mod illi gew imgeghla jiffirmaw l-iskrittura tad-29 ta' Jannar 2011. Il-Qorti mhix qed tidhol fil-mertu tal-iskrittura infisha ghax din mhix parti mill-mertu tal-kawza. Kull ma hu qed jigi kunsidrat f'din il-vertenza hu jekk l-iskrittura gietx karpita b'tali mod li twassal ghal sejbien ta' xi wiehed mill-elementi li jsostnu li l-iskrittura kienet ivvizjata. L-atturi ma ippruvawx tali estremi u kwindi t-talba taghhom qed tigi michuda.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqa' u tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut illi ma kienx hemm il-vizzju ta' kunsens ghall-iffirmar tal-iskrittura tad-29 ta' Jannar 2011 kif allegat mill-atturi u ghalhekk qed tichad it-talbiet tal-atturi, bl-ispejjez kontra l-atturi.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------